# MALTI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

Dipartiment tal-Kurrikulu, Floriana

# IR-RABA' SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦAR-RABA' SENA

| 4.1 SMIGĦ | 4.2 TAĦDIT | 4.3 QARI | 4.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni testi li jkun fihom tagħrif dirett, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifiet qosra, direzzjonijiet u struzzjonijiet.** | **Jaqraw u jifhmu sentenzi, paragrafi, stejjer u testi varji kemm skedati kif ukoll skond il-gosti.** | **Jiktbu sentenzi u paragrafi qsar fil-binja ggradata u strutturata tal-komponimenti.** |
| **4.1.1** Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ prattiku, fiżiku u akkademiku. | **4.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw. | **4.3.1** Jaqraw stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex, permezz tal-kuntest, jitlaqqgħu ma' prattiċi fl-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. | **4.4.1** Juru li jafu jpoġġu l-vokabularju f'postu u li bih jikkomunikaw fatti, ideat u opinjonijiet f'ordni sekwenzjata. |
| Juru li minn dak li semgħu jistgħu jsibu applikazzjoni għalih b'mod integrat bil-gwida ta' l-għalliem/a. | Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar esperjenzi, għajdut u ġrajjiet attwali. | Juru li għandhom qabda fuq il-qari espressiv permezz tat-tonalità, id-dizzjoni u l-elokwenza. | Juru li jafu jfasslu pjan miktub f'forma ta'raġġiera li jwassalhom sabiex jibnu paragrafi għal komponimenti sempliċi. |
| | Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti u xogħol prattiku. | Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi magħrufa, u oħrajn li mhumiex, quddiem udjenza/i. | Juru li kapaċi jiktbu serje ta' sentenzi/paragrafi, imqanqla minn stampa/i anke fejn ikunu mħajra jbassru t-tmiem. |
| | | Juru li t-tagħrif mill-kotba/mill-qari qiegħed jinħażen bħala għerf għall-użu fil-futur sew fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. | Juru li minn serje ta' kliem/frażijiet ikunu kapaċi jfasslu kitba kreattiva. |
| **Jisimgħu programmi ta' kull xorta mill-medja awdjo/viżiva li jqanqlulhom l-interess għal attivitajiet varji.** | **Juru li kapaċi jitkellmu dwar stejjer sempliċi, poeżiji jew testi drammatiċi li jkunu segwew, semgħu jew qraw.** | **Juru li waqt li jestendu l-qari minn stejjer, poeżiji u testi drammatiċi għal gazzetti, perjodiċi, magażins eċċ., jagħrfu wkoll il-karatteristiċi u d-differenzi tal-ġeneri varji.** | **Juru li jagħrfu li l-kitba kreattiva mhix biss dik tal-komponiment.** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **4.1.2** Juru li japprezzaw stejjer, testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet u li kapaċi jsegwu u ifittxu dwar dak li jkunu semgħu. | **4.2.2** Jitkellmu dwar sunti kif ukoll opinjonijiet dwar testi varji li jkunu semgħu jew qraw, dwar filmati, episodji jew dokumentarji murija fil-medja viżiva. | **4.3.2** Juru li meta jaqraw jafu x'inhu episodju, kapitlu, artiklu, avviz, reklam, slogan, kapxin u li kapaċi jisiltu messaġġi/tifsir minnhom f'sunti differenti. | **4.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviżi abbinati ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. |
| Juru li minn dak li jkunu semgħu hemm xebh/differenza minn dak li jesperjenzaw fil-ħajja tagħhom. | Jitkellmu dwar karattri maħluqa f'testi u jqabblu l-emozzjonijiet tal-karattri ma' tagħhom. | Juru li jkunu kunfidenti meta jaqraw testi mhux familjari u li kapaċi jiskennjaw. | Juru li jafu jiktbu ittri qsar bħal xi forma ta' stedin, ta' xewqat jew ta' ringrazzjament. |
| Juru li kapaċi jbassru konklużjonijiet ta' stejjer. | Juru li għandhom għajn għarriexa għad-dettal u li kapaċi jorqmu fi ftit kliem sunti dwar grajjiet li esperjenzaw. | Juru li meta jaqraw testi jkunu kapaċi jisiltu minnhom tagħrif dwar sfond u li jagħtu opinjoni dwar fatti jew linja ta' ħsieb. | Juru li kapaċi jimlew formoli b'informazzjoni personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali (speċi ta' CV). |
| | | | Juru li kapaċi jkomplu djalogu/i bi ftit sentenzi billi jsegwu s-sekwenza ta' ġrajjiet u l-linji ta' ħsieb espressi fit-test. |
| **Joqogħdu attenti għall-fehmiet ta' l-oħrajn meta xi attività tkun mifruxa fi grupp/i.** | **Jitkellmu ma' oħrajn fi grupp/i jew waqt attivitajiet ta' gruppi relatati ma' tema/i u/jew attività prattika.** | **Jaqraw fi gruppi ta' tnejn jew aktar quddiem udjenza/i biex isiru aktar kunfidenti.** | **Jiktbu b'aktar konċentrazzjoni fuq is-sintassi, fuq il-formoli lingwistiċi u l-idjoma.** |
| **4.1.3** Juru koerenza ta' ħsieb meta jagħmlu kummenti jew ikunu lesti biex jagħtu alternattivi. | **4.2.3** Fil-gruppi jistaqsu jew iwieġbu mistoqsijiet dwar l-attività kurrenti u jagħtu direzzjonijiet ukoll. | **4.3.3** Juru li jafu jagħtu tonalità waqt qari u, li jsaħħu l-fehem ta' l-udjenza/i bil-lingwaġġ tal-ġisem, speċjalment waqt il-qari ta' diskorsi/djalogi diretti. | **4.4.3** Juru li kapaċi jużaw firxa wiesgħa ta' vokabularju u espressjonijiet idjomatiċi mill-ħażna li jkunu ġabru. |
| Juru li jsegwu b'attenzjoni kummenti/suġġerimenti alternattivi ta' ħaddieħor. | Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista dwar tema/ attività kurrenti jew dwar esperjenzi. | Juru li jafu jaqraw dettalji/listi meta jintalbu jagħmlu xi proċess prattiku, u li jafu jesponu l-proċess wara li jsir. | Juru li kapaċi jixprunaw l-ideat b'mistoqsijiet lilhom infushom biex jaslu għall-binja ta' sentenzi espressivi. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Juru li kapaċi jagħtu reazzjoni/jiet għall-kummenti ta' ħaddieħor. | Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi servejs, riċerki jew intervisti barra mill-ħitan tal-klassi. | Juru li kapaċi jaqraw *brochures/depliants* u li minnhom ikunu kapaċi jisiltu tagħrif għal xi ħtiġiet individwali /komuni/ ġenerali. | Juru li barra milli jiktbu jkunu kapaċi li jagħmlu tibdil/tiswijiet fuq il-kitba tagħhom permezz ta' proofreading. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tqanqil mill-Vokabularju** |
| **4.1.4** Aktar mat-tfal jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn tfal oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | **4.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment kif ukoll bħala grupp. Għandhom jitkellmu, jagħtu sunti u jistqarru opinjonijiet kemm dwar testi mismugħa (anke mill-medja awdjo/viżiva) kif ukoll dwar grajjiet/esperjenzi mill-ħajja ta' kuljum. | **4.3.4** Il-vokabularju jissaħħaħ aktar bil-qari għall-gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk għandhom kostantement jinħolqu opportunitajiet fejn it-tfal mhux biss jaqraw quddiem sħabhom fil-klassi, iżda wkoll quddiem udjenzi varji. | **4.4.4** Kull kitba ghandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra. It-tfal għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** |
| **4.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viżiva u mill-films. | **4.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti importanti minn dak li semgħu jew segwew. | **4.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju ppreferit fil-livell tagħhom. | **4.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw jew qraw, anke permezz ta' sommarji/notamenti miktuba biex jiftakru fatti/karatteristiċi/differenzi. |
| **4.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | **4.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi, eċċ. li jħobbu jisimgħu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | **4.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li qraw kemm verbalment kif ukoll bil-kitba. | **4.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi. |

# PROGRAMM

# TAR-RABA’ SENA

## 4.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni testi li jkun fihom tagħrif dirett, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | Permezz ta' mistoqsijiet sempliċi wieħed għandu jmexxi lit-tfal lejn il-konċentrazzjoni. |
| **4.1.1** Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ kemm prattiku, fiżiku u akkademiku. | |
| Juru li minn dak li semgħu jistgħu jsibu applikazzjoni għalih b'mod integrat bil-gwida ta' l-għalliem/a. | L-għalliema għandhom jirsistu biex it-taħdit jimraħ minn suġġett għal ieħor b'mod tematiku/integrat. |
| **Jisimgħu programmi ta' kull xorta mill-medja awdjo/viżiva li jqanqlulhom l-interess għal attivitajiet varji.** | |
| **4.1.2** Juru li japprezzaw stejjer, testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet u li kapaċi jsegwu u ifittxu fuq dak li jkunu semgħu. | Għandha ssir enfasi li fil-klassi kull ma jsir huwa bi skop prattiku. Għalhekk, it-tfal għandhom jitħarrġu fil-prattika tar-riċerka minn sorsi varji anke mill-Internet, għalkemm mhux bil-lingwa Maltija mhux dejjem hu possibli. |
| Juru li minn dak li semgħu hemm xebh/differenza minn dak li jesperjenzaw fil-ħajja tagħhom. | Jitħeġġu jagħmlu paraguni. |
| Juru li kapaċi jbassru konlużjonijiet ta' stejjer. | Wieħed għandu jisħaq fuq dan biex titqanqal l-immaġinazzjoni u l-kreattività. |
| **Joqogħdu attenti għall-fehmiet ta' l-oħrajn meta xi attività tkun mifruxa fi grupp/i.** | |
| **4.1.3** Juru koerenza ta' ħsieb meta jagħmlu kummenti jew ikunu lesti biex jagħtu alternattivi. | L-għalliem jagħmel tajjeb jekk, waqt attivitajiet fi gruppi, lit-tfal jagħmlilhom mistoqsijiet. |
| Juru li jsegwu b'attenzjoni kummenti/suġġerimenti alternattivi ta' ħaddieħor. | |
| Juru li kapaċi jagħtu reazzjoni/jiet għall-kummenti ta' ħaddieħor. | It-tfal għandhom jitħeġġu jkunu ppreparati għall-kummenti ta' l-oħrajn biex jesponu raġunijiet validi. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **4.1.4** Aktar mat-tfal jitlaqqgħu ma' testi mismugħa, aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn tfal oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | Għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ minn fuq il-medja awdjo/viżiva u wara jsir taħriġ il-fehim mis-smigħ b'mistoqsijiet diretti. Jekk ikun hemm il-ħtieġa, it-tfal jitħallew jieħdu noti li jkunu relevanti ma' tema/i għar-riċerka u fit-tagħlim integrat. |

| Attitudniiet lejn it-Tagħlim | |
|---|---|
| **4.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | Jitħallew iġibu kassetti awdjo/vidjow biex isemmgħu, jisimgħu u jaraw dak li l-aktar jiġbidhom lejn il-lingwa. Il-mistoqsijiet għal skopijiet ta' taħriġ il-fehim m'għandhomx jonqsu. |
| **4.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet u drama. | |

## 4.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifiet qosra, direzzjonijiet u struzzjonijiet.** | |
| **4.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw. | Jingħataw kull opportunità biex jitkellmu dwar dak li jkunu semgħu, kemm bħala kummenti kif ukoll bħala sunt verbali fuq punti saljenti. |
| Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar esperjenzi, għajdut u ġrajjiet attwali. | Wieħed jisħaq li t-tagħrif, l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet li jkunu ngħataw it-tfal iwassluhom lil ħaddieħor b'diskors indirett bl-użu ta': Qal, Qalet, Qalu, Qallek, Qaltlek, Qalli, Qaltli, Qalilna, Qaltilna, Smajt li…, Stqarret li…, eċċ. eż: Qalli biex immur… Qaltli biex niġbor… Qalet li sejra… L-għalliem/a j/trid…Is-surmast spjega li… Smajt li ġejjin… Stqarret li mhix… **Dawn għandhom ikunu dejjem xprunati minn mistoqsijiet.** |
| Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti u xogħol prattiku. | |
| **Juru li kapaċi jitkellmu dwar stejjer sempliċi, poeżiji jew testi drammatiċi li jkunu segwew, semgħu jew qraw.** | |
| **4.2.2** Jitkellmu dwar sunti kif ukoll opinjonijiet dwar testi varji li jkunu semgħu jew qraw, dwar filmati, episodji jew dokumentarji murija fil-medja viżiva. | Wieħed jisħaq li t-tfal jagħtu sunti fi kliemhom dwar testi mismugħa, episodji, dokumentarji u films minn fuq il-medja u li jużaw formoli lingwistiċi. |
| Jitkellmu dwar karattri maħluqa f'testi u jqabblu l-emozzjonijiet tal-karattri ma' tagħhom. | Huwa importanti li l-għalliema jagħmlu mistoqsijiet ipotetiċi, bħal: Li kieku kont int…? |
| Juru li għandhom għajn għarriexa għad-dettal u li kapaċi jorqmu fi ftit kliem sunti dwar ġrajjiet li esperjenzaw. | Għandhom isiru mistoqsijiet kemm mill-għalliem/a u kemm mis-sħab fil-klassi. |
| **Jitkellmu ma' oħrajn fi gruppi jew waqt attivitajiet ta' gruppi relatati ma' tema/i u/jew attività prattika.** | |
| **4.2.3** Fil-gruppi jistaqsu jew iwieġbu mistoqsijiet dwar attività kurrenti u jagħtu direzzjonijiet ukoll. | Wieħed għandu jisħaq u jfakkar li fil-klassi m'għandux ikun hemm mistħija jew sens ta' inferjorità. Kulħadd għandu d-dritt li jitlob u jistaqsi fil-parametri ta' l-ordni u r-rispett. |

| | |
|---|---|
| Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista dwar tema/ attività kurrenti jew dwar esperjenzi. | Jitqanqal it-taħdit permezz ta' mistoqsijiet bħal: **Min? Fejn? Meta? X'ġara?** biex it-tfal jibdew jirrakkontaw l-esperjenzi. |
| Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi servejs, riċerki jew intervisti. | L-għalliema għandhom idaħħlu l-prattika li joħorġu lit-tfal mill-ambjent tal-klassi u jeħduhom qalb il-komunità biex jagħmlu intervisti u servejs li jservu kemm għar-riċerka u kemm għal xi proġetti marbutin ma' tema/i. It-tfal għandhom jippreparaw ruħhom b'mistoqsijiet. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **4.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u kemm bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu sunti u/jew jistqarru opinjonijet dwar testi mismugħa, anke mill-medja awdjo/viżiva kif ukoll dwar ġrajjiet/esperjenzi mill-ħajja ta' kuljum. | Fil-klassi minn bikri filgħodu it-tfal għandhom jitħallew jirrepetu dak li jkun intgħallem kif ukoll jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa ta' li hija esperjenza għalihom. Hu importanti li ma naqtgħulhomx fil-qasir jew li nkellmuhom bil-herra. Jitħallew jitkellmu għal ftit ħin skond regoli preskritti. Ikun tajjeb li fil-klassi jkun hemm ambjent ta' Kamra ta' L-Aħbarijiet. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **4.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti importanti ta' dak li jkunu semgħu jew segwew. | Jitħeġġu jitkellmu quddiem udjenza/i u anke jitħarrġu biex joqogħdu għal xi intervista u/jew jintervistaw lil xulxin. |
| **4.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi, eċċ. li jħobbu jisimgħu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | |

# 4.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jaqraw u jifhmu sentenzi, paragrafi, stejjer u testi varji kemm skedati kif ukoll skond il-gosti.** | |
| **4.3.1** Jaqraw stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex, permezz tal-kuntest, jitlaqqgħu ma' prattiċi fl-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. | Il-qari għandu jkun estiż. Għandha ssir enfasi fuq il-fehem, għall-ewwel permezz ta' mistoqsijiet. Wara, bil-fomm jew bil-kitba, it-tfal għandhom jitħeġġu jagħtu sunti. |
| Juru li għandhom qabda fuq il-qari espressiv permezz tat-tonalità, id-dizzjoni u l-elokwenza. | L-għalliema jgħinu biex it-tfal jakkwistaw ritmu, elokwenza u sens fil-qari billi jaqrawlhom u jirrepetulhom testi bħala mudelli. |
| Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi magħrufa u oħrajn li mhumiex quddiem udjenza/i. | Jitħallew jaqraw kull xorta ta' qari, anke dak miktub minnhom, quddiem sħabhom, fil-klassi u fil-laqgħat ta' filgħodu. |
| Juru li t-tagħrif mill-kotba/mill-qari qiegħed jinħażen bħala għerf għall-użu fil-futur sew fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. | Waqt diskussjonijiet b'temi partikolari, wieħed għandu jrawwem lit-tfal biex jesprimu opinjoni msaħħa b'għerf mill-qari. |
| **Juru li waqt li jestendu l-qari minn stejjer, poeżiji u testi drammatiċi għal gazzetti, perjodiċi, magażins, eċċ., jagħrfu wkoll il-karatteristiċi u d-differenzi tal-ġeneri varji.** | |
| **4.3.2** Juru li meta jaqraw jafu x'inhu episodju, kapitlu, artiklu, avviż, reklam, slogan, kapxin u li kapaċi jisiltu messaġġi/tifsir minnnhom f'sunti differenti. | Il-karatteristiċi ta' kull ġeneru għandhom ikunu magħrufa mit-tfal. |
| Juru li jkunu kunfidenti meta jaqraw testi mhux familjari u li kapaċi jiskennjaw. | |
| Juru li meta jaqraw testi jkunu kapaċi jisiltu minnhom tagħrif dwar sfond u li jagħtu opinjoni dwar fatti jew linja ta' ħsieb. | Din l-estensjoni tal-letteratura għandha ċċaqlaq lit-tfal japprezzaw u jfasslu opinjonijiet/kummenti/tixbihat, eċċ. Għandhom jitħeġġu biex jagħtu rispons personali dwar x'għoġobhom/m'għoġobhomx minn dak li qraw. |
| **Jaqraw fi gruppi ta' tnejn jew aktar quddiem udjenza/i biex isiru aktar kunfidenti.** | |
| **4.3.3** Juru li jafu jagħtu tonalità waqt qari u jsaħħu l-fehem ta' l-udjenza/i bil-lingwaġġ tal-ġisem, speċjalment waqt il-qari ta' diskorsi/djalogi diretti. | Għandu jsir minn kollox biex f'kull ħin jitlaqqgħu ma' udjenza effettiva li tapprezza u tikkritika oġġettivament. |
| Juru li jafu jaqraw dettalji/listi meta jintalbu jagħmlu xi proċess prattiku, u li jafu jesponu l-proċess wara li jsir. | |

| | |
|---|---|
| Juru li kapaċi jaqraw *brochures/depliants* u li minnhom ikunu kapaċi jislitu tagħrif għal xi ħtiġiet individwali/komuni/ġenerali. | Għandu jidħol ukoll l-użu ta' L-Internet bħala mod ta' riċerka. Għalkemm ftit li xejn jista' jinstab materjal bil-Malti, iżda jkun tajjeb li t-tfal jiktbu dwar dak li jkunu sabu u jagħtu rapport bil-Malti, permezz tal-qari ta' kitbiethom. |
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **4.3.4** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għall-gost, mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk għandhom kostantement jinħolqu opportunitajiet fejn it-tfal mhux biss jaqraw quddiem sħabhom fil-klassi, iżda wkoll quddiem udjenzi varji. | |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **4.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | |
| **4.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li jkunu qraw, kemm verbalment kif ukoll bil-kitba. | |
| **L-Imġiba favur il-Qari** | |
| **4.3.7** Juru aktar konoxxenza tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Wieħed għandu jisħaq li jkunu jafu t-titlu, l-awtur, il-werrej u l-użu tiegħu, il-kapitli, l-isfond u l-karattri. Jagħrfu d-differenza bejn storja f'kapitlu u ġrajja/episodju fi storja twila fi ktieb, per eżempju f'rumanz. |
| Juru li għandhom gosti għal ġeneri partikolari tal-letteratura. | It-tfal għandhom jitħeġġu jitkellmu dwar il-gosti tagħhom u dwar x'jiġbidhom lejn ġeneru partikolari. |
| Jagħrfu li l-libreriji fil-klassi, fl-iskola u fil-belt jew fir-raħal huma sorsi li jħajru lit-tfal għall-qari u għall-kitba. | Għandu jsir kull sforz biex isiru żjajjar fil-libreriji. Iżda wieħed ma jridx jinsa li fil-klassi wkoll għandu jkun hemm kotba bħala riżorsi u dawn għandhom jinbidlu minn żmien għal żmien. |

## 4.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jiktbu sentenzi u paragrafi qsar fil-binja gradata u strutturata tal-komponimenti.** | |
| **4.4.1** Juru li jafu jpoġġu l-vokabularju f'postu li bih jikkomunikaw fatti u ideat f'ordni sekwenzjata. | Wieħed irid jisħaq li l-espressjoni għandha tkun il-qofol ta' kitba tajba. Għandu jiżdied l-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. |
| Juru li jafu jfasslu pjan miktub f'forma ta' raġġiera li jwassalhom jibnu l-paragrafi għal komponimenti sempliċi. | Il-komponiment għandu jibda bi pjan f'forma ta' raġġiera. Dan isir wara li t-tfal ikunu mqanqla jwieġbu mistoqsijiet. |
| Juru li kapaċi jiktbu serje ta' sentenzi/paragrafi mqanqla minn stampa/i anke fejn ikunu mħajra jbassru t-tmiem. | Komponimenti dwar stampi m'għandhomx ikunu biss f'ordni. Minn serje ta' stampi għandha titħalla waħda barra biex titqanqal l-immaġinazzjoni u, allura, it-tfal jaslu jbassru. |
| Juru li minn serje ta' kliem/frażijiet ikunu kapaċi jfasslu kitba kreattiva. | Għall-bidu dawn jingħataw f'ordni sekwenzjata, iżda aktar tard wieħed għandu jħalli lit-tfal joħolqu sekwenza huma skond l-ideat tagħhom. |
| **Juru li jagħrfu li l-kitba kreattiva mhix biss dik tal-komponiment.** | |
| **4.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviż ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. | Għandhom jintwerew tipi varji ta' grafika b'messaġġi fejn, għall-ewwel, wieħed għandu jħeġġeg lit-tfal jaħsbu biex jibdlu mqar partijiet. Wara jingħataw grafika biex huma stess jiktbu messaġġi. |
| Juru li jafu jiktbu ittri qsar bħal xi forma ta' stedin, ta' xewqat jew ta' ringrazzjament. | Għandha ssir enfasi fuq tipi ta' ittri li jistgħu jinkitbu, fuq il-format ta' l-ittra, il-paragrafar u l-punteġġjatura. Tajjeb li wieħed idarrihom jiktbu indirizzi fuq envilops b'punteġġjatura eżatta. |
| Juru li kapaċi jimlew formoli b'informazzjoni personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali (speċi ta' CV). | Għandhom jitpoġġew formoli varji quddiem it-tfal. Dawn jinstabu kull fejn indawru wiċċna: f'gazzetti, magażins, *brochures* u perjodiċi, anke ma' prodotti fis-supermarkit. |
| Juru li kapaċi jkomplu djalogu/i bi ftit sentenzi billi jsegwu s-sekwenza ta' ġrajjiet u linji ta' ħsieb espresssi fit-test. | Barra mill-kitba kreattiva wieħed ikun qiegħed ikejjel il-fehem. |
| **Jiktbu b'aktar konċentrazzjoni fuq is-sintassi, fuq il-formoli lingwistiċi u l-idjoma.** | |
| **4.4.3** Juru li kapaċi jużaw firxa wiesgħa ta' vokabularju u ta' espressjonijiet idjomatiċi mill-ħażna li jkunu akkumulaw. | |

| | |
|---|---|
| Juru li kapaċi jixprunaw l-ideat b'mistoqsijiet lilhom infushom biex jaslu għall-binja ta' sentenzi espressivi. | |
| Juru li barra li jiktbu, ikunu kapaċi li jagħmlu tibdil/tiswijiet fuq il-kitba tagħhom permezz ta' *proofreading*. | It-tfal għandhom jitħarrġu biex huma stess jiċċekkjaw sewwa kitbiethom kemm għal żbalji ortografiċi u għal oħrajn ta' natura grammatikali. Għandha ssir enfasi wkoll fuq il-kalligrafija. |
| **It-Tqanqil mill-Vokabularju** | |
| **4.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra. It-tfal għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. | Jinħolqu sitwazzjonijiet li jixbhu sew ir-realtà tal-ħajja. Kultant ikun tajjeb li t-tfal jinħarġu mill-klassi u jittieħdu qalb il-komunità biex jagħmlu intervisti b'mistoqsijiet li jkunu kitbu, u wara jiktbu rapporti. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **4.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw jew qraw, anke permezz ta' sommarji/notamenti miktuba biex jiftakru fatti/karatteristiċi/differenzi. | Il-kitba, bħall-qari, m'għandhiex tkun marbuta ma' ħin. It-tfal għandhom jitħallew liberi f'waqtiet tal-jum biex jiktbu skond il-ħajriet tagħhom. |
| **4.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u, fl-aħħar, bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi. | Fil-kitba għandu jkun hemm rifless kull tagħlim ta' regoli. Waqt korrezzjoni u/jew assessjar, it-tfal għandhom jagħtu sehemhom billi jsibu huma wkoll l-iżbalji tagħhom. |